MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2010

Numru 156/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann J. Fenech**
**V**

**LIZA PACE**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputata **LIZA PACE** ta' erbgha w tletin sena, bint Generoso u Myrtle Frances nee Evans, imwielda Pieta nhar s-sitta ta' Mejju 1975 u residenti 26, Triq Luqa, Paola jew Block J, Flat 5, Bini tal-Gvern, Hamrun, detentrici tal-karta ta' l-identita numru 302773M giet imressqa quddiemha akkuzata:

1. Talli nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Frar 2010 ghal habta tad-disgha ta' filghodu gewwa Rahal Gdid flimkien ma persuna ohra attakkat jew ghamlet resiztenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra WPC 237 A. Vella u PS

1220 C. Baldacchino, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;

2. Talli ngurjat jew heddedt jew ghamlet offiza fuq PS 1220 C. Baldacchino, persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Talli m'obdietx l-ordnijiet leggitimi tal-Awtorita jew ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku jew ma hallíethomx jew fixklithom waqt li qadi ta' dmirijiethom jew b'xi mod iehor, bla jedd indahlet fi dmirijiethom billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi;

4. Talli voluntarjament kisret l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra li tapplika l-piena stabbilita bil-ligi, tapplika wkoll l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-imsemmija WPC 237 A. Vella u PS 1220 C. Baldacchino.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-estratt mill-att tat-twelid tal-imputata, l-fedina penali tal-imputata, l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputata kif wkoll l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputata din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputata tiddikjara fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta' Frar 2010 li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Frar 2010 stess.

.
Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, t-tnejn w ghoxrin ta' Frar 2010 ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputata wiegbet li hija  hatja din l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid terga lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputata, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Il-Qorti rat ai fini ta' piena:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputata sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti.

2. Il-ko operazzjoni tal-imputata anke matul li hija rrilaxat l-istqarrija.

3. Il-fedina penali tal-imputata relattivament nadifa.

Mill-banda l-ohra l-Qorti rat li m'ghandhiex taghti l-impressjoni li xejn mhu xejn u li m'ghandhiex tinghata punizjoni bil-ghan li l-istess imputata titghallem mill-izbalji taghha u tibda ssegwi hajja normali 'l boghod mill-kriminalita.

Ghalhekk wara li rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Il-Pulizija –vs- Raymond Rotin**" thoss li l-piena idoneja f'dawn ic-cirkostanzi hija dik ta' prigunerija sospiza izda stante l-fedina penali relattivament nadifa tal-imputata, l-Qorti tordna s-sospenzjoni ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'dawn ic-

cirkostanzi hija ser tapplika piena ta' sentenza ta' prignuerija sospiza li ghandha sservi ta' deterrent bil-ghan li l-imputata zzommu 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita u bil-ghan li b'dan il-piz fuqha hija tahseb ta' dak li tkun ser taghmel profondament qabel ma tagixxi.

**Ghalhekk, il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli95, 96, 339(qq) u 338(m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u **tiddikjara li ssib lil imputata LIZA PACE hatja tal-akkuzi kif dedotta fil-konfront taghha fuq ammissjoni taghha stess u tiddeciedi li tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' erbgha (4) xhur sospizi ghal sentejn (2) snin mill-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna sigurta fuq il-persuna ta' WPC 237 A. Vella u PS 1220 C. Baldacchino ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li spjegat lil hatja l-konsegwenzi tas-sentenza moghtija fil-konfront taghha, l-istess imputata ddikjarat li fehmet ben tajjeb tali konsegwenzi.**

**Finalment tordna li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------